SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 10/K5/05

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 06/12/'05 199**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 06/12/'05 252**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar it-Tlieta 6 ta' Diċembru 2005.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.30 p.m.

1.03 Preżenti: Ħames membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Skużati: Il-Kunsillier Robert Camenzuli u l-Kunsilliera Irene Borg.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fl-1 ta' Diċembru 2005. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Draft tal-Bye-Laws dwar:-
   *Reklami fuq Għamara tat-Toroq u fuq l-Internet*
4. Magażine
5. Korsijiet tal-komputer
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 8/K5/05 għall-approvazzjoni u ppropona li jiġu approvati.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

1.3.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.04 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 9/K5/05 għall-approvazzjoni u ppropona li jiġu approvati.

1.3.05 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

1.3.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 4549 | E-mail mingħand is-Sinjura Natasha Turner dwar kotba tagħha li qed toffrihom lill-Kunsill bi prezz speċjali. |
| 4595 | Ittra mingħand is-Sinjura Rita Chircop rigward il-ħajt fi Triq Dun Ġużepp Xerri. |
| 4596 | ‘Credit Note’ mingħand il-MITTS. |
| 4604 | Ittra mingħand il-Kumitat Festa San Ġiljan rigward Kunċert li ser jittella nhar il-Ġimgħa 27 ta’ Jannar 2006. |
| 4609 | Ittra mingħand l-Malta Planning and Design Consultants dwar il-multi-storey parking taħt il-Pjazza tal-Balluta. |
| 4656 | Ittra mingħand it-Traffic Management Directorate rigward il-mountable roundabout fi Triq Lapsi. |
| 4723 | Ittra mingħand Cantores Sancti Juliani dwar l-inpenji kulturali tal-Grupp fiċ-CHOGM. |
| 4731 | Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Kuridur Ekoloġiku, Ta’ Ġiorni. |
| 4833 | Ittra mingħand il-Kunsill Lokali Swieqi dwar xogħolijiet ta’ puġġaman fit-taraġ fi Triq Josef Kalleja. |
| 4836 | Ittra mingħand it-Tim ta’ l-Istrina rigward stedina u talba għal donazzjoni. |
| 4880 | Ittra mingħand il-Kunsill Lokali Pembroke dwar talba għal għajnuna lil Dar San Ġużepp, Żabbar. |
| 4902 | E-mail mingħand l-ASKLM rigward l-attivita’ Kunsilly 2005. |

4987 & 5015 E-mails mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastrutura dwar Clean Up the World 2005.

5030 E-mail mingħand l-ETC rigward kors fuq illitteriżmu.

5056 Kopja ta' ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward assenjar ta' ħaddiem ieħor mill-IPSL.

5061 E-mail mingħand it-Traffic Management Unit dwar **'traffic management arrangements'** bejn Triq Reġjonali nieżel għal Triq il-Baltiku.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru. 4549

B'riferenza għall-e-mail mingħand is-Sinjura Natasha Turner dwar il-kotba tagħha li qed toffrihom lill-Kunsill bi prezz speċjali, ġie deċiż unanimament li jinxtraw b'Lm 100.00 kotba u li dawn jiġu ppreżentati lis-Surmast ta' lis-Skola Primarja, Dun Ġużepp Xerri mis-Sindku Peter Bonello bi skop li dawn jintużaw mil-librerija ta' l-iskola.

2.03 Rif. Nru. 4595

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sinjura Rita Chircop rigward il-ħajt fi Triq Dun Ġużepp Xerri, iċ-Chirman issuġġerixxa li ssir fetħa u li jsir crash barrier. Għalhekk ġie deċiż unanimament li s-Sindku jiltaqa' ma' l-awtoritajiet kompetenti biex jiddiskuti din il-materja.

2.04 Rif. Nru. 4604

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Kumitat Festa San Ġiljan rigward kunċert li ser jittella' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2006, ġie deċiż unanimament li jekk il-Kunsill għandu fondi disponibbli mill-fond ta' l-attivitajiet kulturali (Account No. 3370);-

- ✓ jiġu allokati 80% mill-bilanċ li fadal f'dan il-fond biex jagħmel tajjeb għal parti mill-ispejjeż biex jittella dan il-kunċert
- ✓ il-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Festa San Ġiljan jipparteċipa biex issir din l-attivita' kulturali.

2.05 Rif. Nru. 4609

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Malta Planning and Design Consultants, dwar stima qabel issir il-pjanta u tingħata l-konsultazzjoni biex isir il-'multi-storey parking' taħt il-Pjazza tal-Balluta, fejn ġie deċiż unanimament li tittieħed deċiżjoni f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

2.06 Rir. Nru. 4656

B'riferenza għall-ittra mingħand it-Traffic Management Directorate rigward il-'mountable roundabout' fi Triq Lapsi kantuniera ma' Triq San Mark ġie deċiż unanimament li t-TMD tiġi nfurmata li l-Kunsill qiegħed jinsisti u jerġa jirrakkomanda li ssir din il-'mountable roundabout.

2.07 Rif. Nru. 4723

B'riferenza għall-ittra tal-Cantores Sancti Juliani u tal-Commonwealth Curtural Circle sar qbil unanimu li b'kollaborazzjoni magħhom, il-Kunsill ikompli jħeġġeġ it-talent kulturali taż-żgħażagħ ta' dan il-kor, (Cantores Sancti Juliani) li huma kollha Ġiljaniżi. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li titħallas is-somma ta' Lm500 lill-Cantores Sancti Juliani bħala parti mill-ispejjeż biex dawn ipparteċipaw f'dan l-avveniment storiku li ttella bejn il-15 u 18 ta' Novembru 2005.

2.08 Rif. Nru. 4731

Saret riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Kuridur Ekoloġiku, Ta' Ġiorni. Ġie deċiż unanimament li kopja ta' din l-ittra tintbagħat lill-Perit tal-Kunsill, lill-Malta Planning and Design Consultants sabiex tittieħed kull azzjoni neċessarja.

2.09 Rif. Nru. 4836

Saret riferenza għall-ittra mingħand it-Tim ta' l-Istrina kif ukoll għall-ittra mingħand l-RTK ( inc.ref. 5164/05 ) dwar programmi ta' ġbir fuq il-mezzi tax-xandir, għall donazzjonijiet, u ġie deċiż unanimament li tingħata donazzjoni ta' Lm100 lid-Dar tal-Providenza u li jsiru żewġ ċekkijiet ta' Lm 50.00 il-wieħed sabiex dawn jiġu ppeżentati mis-Sindku waqt il-programmi.

2.10 Rif. Nru. 4880

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Kunsill Lokali Pembroke dwar talba għal għajnuna lid-Dar San Ġużepp, Żabbar ġie deċiż unanimament li tingħata donazzjoni ta' Lm 50 lil din l-istituzzjoni.

2.11 Rif. Nru. 4902

B'riferenza għall-e-mail mingħand l-ASKLM rigward attivita' Kunsilly 2005, ġie deċiż unanimament li l-impjegati tal-Kunsill kif ukoll is-Sur Victor Cachia jattendu għal din l-attivita' bi spejjeż għall-Kunsill.

2.12 Rif. Nri. 4987 u 5015

Saret riferenza għall-e-mails mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastrutura u l-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent dwar 'Clean Up the World 2005'. Ġie deċiż unanimament li għal sena oħra konsekuttiva l-Kunsill bil-parteċipazzjoni ta' l-Iscouts jipparteċipa f'din l-attivita' nhar it-

Tlieta 13 ta' Diċembru 2005 u li jiġi mnaddaf il-Ġnien tal-Palazzo Spinola.

2.13 Rif. Nru. 5030

B'riferenza għall-e-mail mingħand l-ETC, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jintuża l-uffiċċju tal-Kunsill nhar ta' Tlieta u l-Ħamis filgħodu għal kors fuq illitteriżmu.

2.14 Rif. Nru. 5061

Saret riferenza għall-e-mail mingħand it-Traffic Management Unit dwar **'traffic management arrangements'** bejn Triq Reġjonali nieżel għal Triq il-Baltiku. Ġie deċiż unanimament li t-Traffic Management Unit jiġi nfurmat li l-problema qegħda għal min juża Triq il-Baltiku u mhux għal min ikun nieżel minn Triq Reġjonali. Dan minħabba li Triq il-Baltiku hija fil-wita.

## 3. Draft tal-Bye-Laws dwar:- *Reklami fuq Għamara tat-Toroq u fuq l-Internet*

3.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tad-draft tal-Bye-Laws dwar *Reklami fuq Għamara tat-Toroq u fuq l-Internet* (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din il-materja tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

## 4. Magażine

4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li ltaqa' mas-Sur Alexander Vassallo, Direttur tal-Printit Printing Services, li jagħmlu il-magażines għal diversi entitajiet fosthom ta' xi uħud mill-Kunsill Lokali. Il-kelliem ġibed l-attenzjoni li s-Sur Vassallo lest li jiġbor r-reklami hu u jagħmel ix-xogħol kollu għall-ispejjeż tiegħu u l-Kunsill jipprovdi biss l-artikli. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li s-Sindku Peter Bonello u l-Viċi Sindku Karl Gouder jiltaqgħu mas-Sur Alexander Vassallo, mas-Sur John Agius u mas-Sur Anton Cesario sabiex jiddeċiedu min ser ikompli jagħmel il-magażine tal-Kunsill u jinfurmaw lill-Kunsill.

## 5. Korsijiet tal-Komputer

5.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja ta' ittra li l-Kunsill irċieva mingħand STMicroelectronics (Ara Appendiċi 'B') dwar korsijiet għal tagħlim bażiku fil-komputer li qed joffru bla ħlas. Minn informazzjoni li ngħatat, kors ieħor ser jibda l-Erbgħa, 8 ta' Frar 2006. Dan ser jkun imqassam fuq 8 'sessions', il-ħin ser ikun bejn il-5.00 p.m. u t-8.00 p.m. u kull grupp ser ikun magħmul minn 21 persuna.

5.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li bħala servizz lejn il-komunita' l-Kunsill jipprovdi t-trasport għar-residenti Ġiljaniżi li jattendu

dawn il-korsijiet u jidher avviż fil-ħarġa, li jmiss, tal-magażine tal-Kunsill biex min hu nteressat japplika.

**6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

6.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1929 sa 1954 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn 1929 sa 1954.

7.03 Il-Kunsillier David Borg issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8. Materji Oħra**

8.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

8.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kwotazzjonijiet / offerti għall-mobile toilets għalqu nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru 2005 iżda ħadd ma tefa' l-offerta.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament li terġa tinħareġ sejħa għall-offerti.

8.05 Il-Kunsill ġie nfurmat li għas- 'self funding activity' li l-Kunsilliera Irene Borg organizzat nhar 13 ta' Novembru 2005 ġewwa l-Baħrija, għall-festa ta' San Martin attendew 42 resident.

8.06 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li t-Tnejn 26, u l-Ġimgħa 30 ta' Diċembru 2005 kif ukoll it-Tnejn 2 ta' Jannar 2006, il-'back office' ta' l-amministrazzjoni ser tkun magħluqa.

8.07 Il-Kunsill ġie nfurmat bil-leave programme ta' l-impjegati kif ukoll bil-bilanċ tal-leave li ser jibqagħlhom sa l-aħħar tas-sena 2005 (Ara Appendiċi 'E').

8.08 Ġie deċiż unanimament li l-bilanċ tal-leave ta' l-impjegati, għas-sena 2005, jiżdied mal-leave tas-sena 2006.

8.09 B'riferenza għat-tqegħid ta' żewġ arbli oħra, għal bnadar ta' Malta u ta' l-Unjoni Ewropea, ħdejn dak tal-bandiera tal-Kunsill, fil-Pjazza Spinola, inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill mill-MSD sabiex jiġi kkjarifikat fejn u kif ser jitqegħdu dawn l-arbli u jekk il-Kunsill iriduhomx li jinqalgħu. Dan minħabba li l-arblu preżenti maħdum mal-monument.

8.10 Ġie deċiż unanimament li s-Sindku Peter Bonello jiltaqa' mal-MSD fuq il-post u jiddiskutu din il-materja.

8.11 Ġie deċiż unanimament li l-ħarġa għal anzjani ssir nhar il-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2005 il-Paradise Bay Resort.

8.12 Peress li qed jiżdied in-numru tar-residenti li jattendu l-attivitajiet tal-Kunsill ġie deċiż unanimament li mid-darba li ġejja meta ssir attivita' tal-Kunsill jinħarġu 200 biljett biss u dawn jingħataw fuq bażi ta' 'first come first serve'.

8.13 Iċ-Chairman ippreżenta lill-Kunsill kopja ta' 'sketch' u ta' irċevuti li jammontaw għal Lm 47.90, bħala parti mill-ispejjeż konnessi ma' inċident li kellu waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-Kunsill meta persuna faqatlu l-'windscreen' tal-karozza f'inċident ta' 'hit and run'. (Ara Appendiċi 'F') Il-kelliem għarraf lill-Kunsill li minbarra dawn l-ispejjeż kien hemm pendenti l-kont ta' kiri ta' karozza għal ħames tijiem u l-kont għat-twaħħil tal-'windscreen'.

8.14 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li s-Sindku jiġi rimburżar għall-ispejjeż li għamel u li jitħallsu l-kontijiet l-oħra pendenti, b'konnessjoni ma' l-inċident.

8.15 B'riferenza għall-ispejjeż b'konnessjoni ma' l-użu tat-telefon / mobile u 'motor vehicle expenses ġie deċiż unanimament illi minħabba żidied fil-prezzijiet tal-fuel u tat-telefon u biex ikun hemm aktar kontroll ir-rimburżar li jsir lill-Kunsilliera u lis-Segretarju Eżekuttiv ma jaqbisx it-Lm 80.00 kull tlett xhur.

8.16 Qabel intemmet il-laqgħa ċ-Chairman awgura l-Milied u l-festi t-tajba lill-kullħadd u stedinhom għall-bibita.

8.17 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-5.55 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |